# ID-DIKJARAZZJONI MALTIJA TAD-DRITTIJIET, 1802-2002

## Diskors Kommemorattiv fil-Palazz ta' Sant'Anton, Ħ'Attard, Nhar it-Tlieta, 11 ta' Ġunju 2002

Henry Frendo*

Eċċellenza, Sinjuri,

Hu tassew xieraq li illum titfakkar uffiċjalment id-*Dichiarazione dei Diritti degli abitanti di Malta e Gozo*, li saret fil-15 ta' Ġunju tal-1802, bħal-lum mitejn sena ilu. Hu ferm evokattiv illi din titfakkar proprju hawnhekk, għaliex din hi dikjarazzjoni li l-firmatarji tagħha kollha kienu familjari ma' dan il-palazz ta' Sant'Anton f'Ħ'Attard. Huma ltaqgħu hawnhekk bosta drabi bħala l-*Congresso Nazionale*, li ħa post l-*Assemblea Nazionale* msejħa nhar it-2 ta' Settembru 1798. Il-Kungress ġie ppresedut mill-Kaptan Alexander Ball, li kien beda joqgħod f'dan il-palazz. L-inkontri u d-diskussjonijiet ta' dawn il-firmatarji hawnhekk, fosthom il-mexxejja ewlenin tar-ribelli Maltin, seħħew regolarment waqt l-Insurrezzjoni popolari li qamet u nxterdet kontra l-ħakma Franċiża u waqt l-Imblokk navali ta' l-alleati tagħhom, speċjalment dawk Britanniċi, f'tarf is-seklu tmintax.[1]

Id-Dikjarazzjoni Maltija tad-Drittijiet jixirqilha kommemorazzjoni u riflessjoni għal bosta raġunijiet, li kienu u għadhom validi. Jiena

[1] Għal storja riċenti komprensiva dwar il-perijodu Franċiż ara Carmel Testa, *The French in Malta, 1798-1800* (Midsea, Valletta, 1997). Għat-test tad-Dikjarazzjoni bit-Taljan, ara J.J.Cremona, *Human Rights Documentation in Malta* (Malta Univ. Press, 1966), pp. 6-7 ; għat-test bl-Ingliż, ara Henry Frendo, *Maltese Political Development. 1798-1964. A Documentary History* (Ministry of Education and Human Resources, Floriana, 1993), Part 2, Doc. 18, pp. 55-56, ara wkoll pp. 29-30, u xi dokumenti suggegwenti. Għal kummentarju dwarha bil-Malti ara wkoll Henry Frendo, *Lejn Stat Sovran : L-Iżvilupp Kostituzzjonali tal-Gżejjer Maltin* (Bibljoteka Nazzjonlai, Valletta, 1989), fis-sensiela 'Malta 25 Sena Indipendenti', pp. 3-5.

aċċettajt din l-istedina anke għaliex sfortunatament ma seħħet l-ebda kommemorazzjoni nazzjonali fl-okkażjoni tal-biċentinarju tat-2 ta' Settembru 1798, erba' snin ilu. Tneħħi xi attivitajiet mtella' fil-belt Valletta mis-Soċjeta' Storika Universitarja u fl-Imdina mill-Kunsill Lokali tal-post, kull ma rajna f'dik il-ħabta kienu rievokazzjonijiet fit-toroq minn truppa simulata ta' suldati Franċiżi bl-uniformi u t-tanbur. Għall-korretezza wieħed irid japprezza li dak il-biċentinarju kkoinċida ma' kampanja elettorali xi ftit *sui generis*: sitwazzjoni, madankollu, li fil-fehma tiegħi ma tiskużax is-skiet ta' ġens quddiem ġrajjietu.

Fil-kuntest ta' ħsieb u ta' sentiment li joħroġ minnha, id-Dikjarazzjoni tal-1802 torbot intimament ma' l-esperjenzi tal-qawmien popolari Malti li kien beda erba' snin biss qabel. Hija ġiet konċeputa, ifformulata u ffirmata inqas minn sentejn wara li l-Gran Bretanja kienet effettivament ħadet f'idejha l-pussess tal-gżejjer Maltin mingħand Franza, għalkemm dan bla ebda titolu rikonoxxut.

Il-kawżi mmedjati li pprovokaw u wasslu għad-Dikjarazzjoni Maltija kienu t-tentativi għall-waqfien mill-ġlied da parti ta' Napuljun, fuq naħa, u tal-Gran Bretanja, li kienet imsieħba prinċipali fit-Tieni Koalizzjoni kontra Franza. Il-qagħda nternazzjonali kienet waħda kumplessa u kambjanti. Fost trattattivi oħrajn, fin-negozjar matul il-ħarifa tal-1801, kien hemm il-proposta li l-Ingilterra tevakwa Malta filwaqt li Franza tevakwa l-Eġittu.

Il-Maltin inħasdu. Mill-ewwel, f'Ottubru 1801, bdew jipprotestaw permezz ta' rapprezentazzjonijiet. Saħansitra bagħtu delegazzjoni b'petizzjoni li waslet Londra fi Frar tal-1802, meta l-preliminari tal-ftehim bejn il-potenzi kienu diġa' ġew iffinalizzati. Ftit gimgħat qabel sar it-Trattat ta' Amiens f'Marzu, delegazzjoni Maltija mmexxija mill-Markiż Testaferrata f'Londra qalet lil Lord Hobart

li l-gżejjer Maltin kellhom jitħallew "fl-indipendenza tagħhom". Żewġ alternattivi li ssemmew kienu illi jew Malta tmur lura jekk trid taħt ir-Renju taż-Żewġ Sqalli jew inkella jkollha l-indipendenza taħt il-protezzjoni ta' l-Ingilterra jew il-potenzi alleati.[2] Skond artiklu 10 tat-Trattat ta' Amiens, pero', Malta kellha tingħata lura lill-Ordni, għad li l-Maltin kellu jkollhom sehem akbar minn qabel fi ħdan il-gvern; filwaqt li għadd ta' potenzi, fosthom Franza u l-Ingilterra stess, kellhom jiggarantixxu, u b'xi mod ambigwu jinfurzaw, in-newtralita' ta' Malta. Ir-Renju nstabbli ta' Napli kellu jibgħat gwarniġjon ta' 2,000 ruħ.

Meta raw hekk, il-kapijiet Maltin irrivitalizzaw il-Kungress tagħhom, li kien twaqqaf meta Ball kien talabhom jirrendu l-armi fl-1800. F'Ġunju huma ħarġu - u tellgħu bħala l-istandard tagħhom - id-Dikjarazzjoni Maltija tad-Drittijiet. Mill-ġdid ħadd ma deher li ta wisq kashom, minkejja l-promessi li kienu saru ftit qabel minn kmandanti u kummissarji Britanniċi. Tant hu hekk illi f'Lulju ntbgħat lura Ball, din id-darba sabiex jieħu ħsieb l-evakwazzjoni Ngliża minn Malta u jilqa' lura lill-gran mastru l-ġdid ta' l-Ordni, skond il-provvedimenti maħsuba għal gwarniġjon u arranġamenti oħra, almenu skond it-trattat.

Fl-isfond tar-reazzjoni Maltija għal dan it-trattament opportunista jekk mhux ċiniku, insibu tlett fatturi kruċjali li jorbtu ma' xulxin. L-ewwel, il-Maltin kienu mismuta mit-telf fiżiku u finanzjarju li kienu sofrew tul is-sentejn ta' l-Insurrezzjoni. It-tieni, huma kienu mixgħufa li tħallew barra, b'Ball b'kollox, mill-Kapitulazzjoni, u baqgħu bla kumpens. It-tielet, fi żmien ftit snin huma kienu raw u għexu tibdil straordinarju fil-gvern u fl-imġieba, b'okkupant sostitwit minn ieħor, darba wara l-oħra.

---

[2] Ara *Maltese Political Development, op.cit.*, p.30 *et seq.*

Issa fl-1802, inqas minn sentjen wara li kienet almenu rritornat il-paċi, u l-Maltin kien mingħalihom se jaslu x'imkien, kienu se jerġgħu jisfaw koppi? X'kien jonqos? Min kien imiss? Mill-qalb ħarġet titniegħed il-mistoqsija, f'appell ieħor: "Kien għal dan li aħna qbadna l-armi u b'kuraġġ waqafna kontra t-tirannija ta' Franza?"[3]

Wieħed jista' jħares akkademikament lejn it-test tad-Dikjarazzjoni Maltija tad-Drittijiet minn angoli storiċi, filosofiċi u ġuridiċi komparattivi. Għalkemm stqarrija kumpatta bħal din ma kienet xejn komuni fil-bidu nett tas-seklu dsatax, kien hemm pero' preċedenti maġġuri li direttament jew indirettament żgur influwenzawha, kif ftit ftit dawn u l-prassi sussegwenti nfluwenzaw lill-Ewropa kollha, u lid-dinja. F'dan l-eżerċizzju komparattiv nsibu fid-Dikjarazzjoni Maltija elementi sostanzjali li jixbħu lil dawk f'xi dikjarazzjonijiet simili li saru qabel, filwaqt li xi oħrajn jirrikaċċjaw. F'dawn, u fiha stess, malajr wieħed jilmaħ tranji tal-ħsieb ta' pensaturi bħal John Locke u t-trattati tiegħu dwar l-obbligu morali fi gvern ċivili, jekk mhux ukoll ta' Thomas Paine, li għaxar snin qabel id-Dikjarazzjoni Maltija kien ħareġ *The Rights of Man*, u diversi oħrajn, speċjalment Franċiżi, fit-tieni nofs tas-seklu tmintax. L-iktar tlett dikjarazzjonijiet rilevanti magħrufa kienu dawk fl-Ingilterra, fl-Amerika u fi Franza, bejn tarf is-seklu sbatax u tarf is-seklu tmintax.

Il-'Bill of Rights' tas-1689 fl-Ingilterra kien imnebbaħ minn interess anti-Kattoliku li wassal għat-tneħħija tar-re leġittimu sabiex minloku jirrenja Protestant Olandiż. Dan il-Bill inkorpora fih id-'Declaration of Rights', kif approvata ftit xhur qabel minn konvenzjoni parlamentari. Apparti l-kamp tal-battalja, is-suċċessjoni ta' William of Orange, minflok James II, seħħet bil-patt li l-monarkija ma tkunx waħda assoluta iżda waħda

[3] *Appeals of the Nobility and People of Malta* (Lond., 1811), pp. 79-80, iċċitat f'Henry Frendo, *Party Politics in a Fortress Colony: The Maltese Experience* (Valletta, 1979, 2ni ed. 1991), p.4.

kostituzzjonali, fejn ir-re iżjed jirrenja milli jiggverna. Fi kliem ieħor, ir-re kien qiegħed jiġi ssuġġettat għall-parlament - dak stess li kien qiegħed prattikament joffrilu l-kuruna. Skond dan il-patt, kellu jkun hemm salvagwardji kontra l-abbuż tal-poter, elezzjonijiet ħielsa għall-parlament, petizzjonijiet bi dritt minn ċittadini lit-tron, liberta' tal-kelma u tad-dibattitu bi privileġġi parlamentari versu l-qrati; kellu jkun essenzjalment il-parlament, mhux it-tron, li jintaxxa u jilleġiżla.

Il-preċedenti Amerikani u Franċizi kienu republikani fil-għamla kostituzzjonali tagħhom, b'kontributi fit-tnejn minn nies bħal Lafayette u Jefferson. In parti għaliex seħħew seklu wara, dawn kienu wkoll iżjed liberali u elaborati. Fil-każ Amerikan, il-kostituzzjoni, kif emendata speċjalment f'Diċembru 1791, kienet riżultat ta' dikjarazzjoni oħra, dik ta' l-indipendenza fl-1776, wara ġlieda kolonjali kontra l-Imperu Britanniku (u ta' provvedimenti kostituzzjonali li segwew, fejn kellek ir-rivalita' bejn l-istati u l-federazzjoni). Għall-kuntrarju tal-*Bill of Rights* ngliż, il-*First Amendment* jordna li ma ssir l-ebda liġi fir-rigward ta' reliġjon stabbilita, filwaqt li kellu jitħalla l-eżerċizzu ħieles tar-reliġjon. Mal-liberta' tal-kelma tissemma' diġa' l-liberta' ta' l-istampa, id-dritt tan-nies li jiltaqgħu u jinġemgħu, u li jitolbu lill-gvern jagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet. Il-*Fourth Amendment* jiggarantixxi d-dritt għas-sigurta' tal-persuna, tad-dar, tal-proprjeta' personali u privata; filwaqt li emendi oħra jsemmu l-ugwaljanza quddiem il-liġi u l-imparzjalita' tal-qrati, jirregolaw aspetti tal-forzi tas-sigurta' u ta' l-ordni.

Kellna mbgħad il-famuża Dikjarazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u taċ-Ċittadin f'Pariġi fis-26 t'Awissu 1789, epitomu ta' dak kollu li kien posittiv fir-rivoluzzjoni Franċiża. F'dak iż-żmien Malta kienet taħt l-Ordni, li kien xempju tar-reġim l-antik, fewdali, teokratiku, li mir-rikkezzi dlonk beda jiftaqar; imma dan ma jfissirx li fost ħafna mill-Kavallieri tiegħu, fil-maġġoranza

tagħhom Franċiżi, ma nħassetx id-daqqa tal-kredu l-ġdid, anti-despotiku, demokratiku, sekolari. U dan mhux fost il-kavallieri biss.

Id-dikjarazzjoni Franċiża tiddefinixxi d-drittijiet tal-bniedem bħala inaljenabbli, jappartjenu lilu, ma jiddependux fuq il-beneplaċitu ta' xi ħadd ieħor jew xi istituzzjoni oħra. Fi kliem ispirat mill-kitba ta' Rousseau, fost l-oħrajn, din tibda billi tistqarr li l-bnedmin jitwieldu ħielsa u ugwali fid-drittijiet, liema dritijiet jinkludu l-liberta', il-propjeta', is-sigurta' u r-reżistenza kontra l-oppressjoni. Id-dikjarazzjoni Franċiża ssostni bl-iżjed mod espliċitu li l-prinċipju ta' kull sovranita' jirrisiedi essenzjalment fin-nazzjon, vuoldieri fil-poplu. Il-liberta' tfisser li tista' tagħmel dak kollu li ma jweġġax lil haddieħor. Il-liġi, tgħidilna, hi l-espressjoni tar-rieda ġenerali. Bl-istess idealiżmu astratt, tgħid li d-distinzjonijiet soċjali jistgħu ikunu msejsin biss fuq it-tajjeb ġenerali. Tiddefendi l-persuna kontra l-arrest arbitrarju u żżomm lil akkużat inoċenti sakemm ma jinstabx ħati. Tenfasizza t-tixrid ħieles ta' l-ideat bil-kelma, bil-kitba, fl-istampat, basta fil-kwadru tal-liġi...

Filwaqt li d-Dikjarazzjoni Maltija tal-1802 tidher illi hija nfluwenzata minn uħud minn dawn l-ideat dwar drittijiet individwali u nazzjonali, dak li tgħid jidher li huwa qabel xejn frott ta' l-esperjenza Maltija nnifisha fid-dawl ta' dak li kien qiegħed jiġri, ġewwa u barra. B'esperjenzi x'aktarx qarsa f'moħħha, u b'idejha fuq qalbha, id-Dikjarazzjoni Maltija tara x'tista' tapplika għal Malta u għal niesha mill-prinċipji enunċjati f'dikjarazzjonijiet oħrajn fl-istorja riċenti ta' pajjiżi oħrajn, inkluża l-Ingilterra nnifisha. Skond ma jaqbel lilha, u skond x'rat possibbli. Dan ma kienx faċli fiċ-ċirkostanzi attwali u l-isfond tagħhom.

Id-Dikjarazzjoni Maltija mela hi dokument storiku daqs kemm hija wieħed politku, filosofiku u ġuridiku. Tentattiv kuraġġuż, edifikanti, li jixhed l-eżistenza ta' klassi indiġena ta' nies struwiti u

għorrief; deluži u mweġġa', ftit konfuži; imneżża' mis-setgħa; maqbuża, imwarrba u mċaħħda mir-rispett, iżda mhux fatalisti, mhux nieqsin mill-istima tagħhom infushom jew mir-rieda persistenti għall-kisba ta' ħajja aħjar. Għall-kisba saħansitra ta' pajjiż internament ħieles u ċivilment ġestit; awtonomu, jekk mhux indipendenti, minkejja ċ-ċokon ġeografiku u d-dgħufija fiżika.

Id-Dikjarazzjoni Maltija tad-Drittijiet m'hijiex sempliċi dokument. Ma waqgħetx mis-sema. M'hijiex karta saħħara ta' xi dikjarazzjoni oħra fformulata x'imkien ieħor minn ħaddieħor. Din id-Dikjarazzjoni tikxef nazzjon qiegħed jinħema, tbaqbaq bil-ħajja ta' poplu patrijott f'mument ta' żmien determinanti. Turi sens ta' individwalita' ta' ġens, kburi u separat. Hi rikors lejn viżjoni dejjiema, waqt trawma ta' inċertezza ġenerali. Hi l-grif fil-blat ta' pedament għall-futur.

Min kienu dawk li ħejjewha u ffirmawha? X'kien janimhom u jħeġġiġhom? X'riedu dawn sewwasew? Kienu prattikament l-istess nies li ffurmaw l-Assemblea u wara l-Kungress fl-Insurrezzjoni tat-2 ta' Settembru. Wara li bil-permess ta' Napli huma kienu stiednu l-intervent Ingliż, l-Ammirall Nelson kien inkariga lil Capt. Ball jissolvelja l-affarijiet f'Malta, mhux tant biex l-Ingliżi jieħdu Malta permanentement f'dan l-istadju imma biex ikeċċu lill-Franċiżi 'l barra. Kien hemm min tella' l-bandiera Ngliża u kien hemm min ħalla tperper dik ta' Napli. Sadanittant, fi Frar 1799 waqt seduta fid-dar tan-Nutar Manuel Vitale fir-Rabat, li għaliha attendew il-kmandanti tal-battaljunui Maltin, fosthom il-Kalkariż Ċensu Borg 'Braret' u l-Kanonku Żebbuġi Franġisk Saverju Caruana, Ball inħatar president ta' dak li fuq il-parir tiegħu beda jissejjaħ "il-Kungress". Ġie propost li dan, b'xi delegati miżjuda, jibda jiltaqa' Sant'Anton kull nhar ta' Tnejn fit-8 ta' filgħodu. Fl-14 ta' Frar ġie annunzjat ir-riżultat ta' l-elezzjoni tad-diversi rappreżentanti mill-ibliet u l-irħula, prattikament l-istess nies li fl-1802 insibuhom jerġgħu jieħdu l-ħajja fid-dawl tal-mossa Ngliża għall-

evakwazzjoni ta' Malta sabiex jiġi lura l-Ordni, proġett li Ball personalment ma xtaqux u li fixklu mill-aħjar li seta'. Kienu b'kollox 22 rappreżentant, bosta minnhom logutenenti, minn daqstant lokalitajiet f'Malta. Għawdex, xi ftit maqtugħ, kien f'idejn kap elett minn delegati Għawdxin, l-Arċipriet Cassar, li demm ma' Ball ma kellux, sakemm f'Awissu 1801 nħatar gvernatur t'Għawdex Vitale, li miet ftit xhur wara li saret id-Dikjarazzjoni Maltija f'Ġunju 1802. (Jekk wieħed jinkludi t-tmien lokalitajiet Għawdxin li kienu eleġġew delegati fil-kungress Għawdxi f'Settembru 1798, allura n-numru ta' rappreżentanti taż-zewġ gżejjer flimkien fl-1802 jogħla.)

Fil-Kungress Malti konna nsibu l-iżjed taħlita ta' nies legali – nutara u avukati – bħal Vitale għall-Imdina, r-Rabat u Ħad-Dingli; in-Nutar Francesco Saverio Zarb għal Ħ'Attard, u l-Avukat Giuseppe Frendo għal Ħal Balzan; kif ukoll ekkleżjastiċi, fosthom l-arċiprieti tal-Mosta u ta' l-Imqabba, Dun Feliċ Calleja u Dun Bartolomew Caraffa. Oħrajn kienu nies tat-tajjeb jew individwi meqjuma fil-belt jew raħal mnejn intagħżlu, bħal, per eżempju, Michele Cachia taż-Zejtun u Filippo Castagna tal-Gudja, it-tnejn membri tad-delegazzjoni li kienet telgħet Londra fi Frar 1802 u ftit wara ltaqgħet mal-Ministru Hobart, li pero' żamm il-posizzjoni uffiċjali bla ma ċcaqlaq xejn. Ir-rappreżentant magħżul mid-delegati Għawdxin f'Novembru 1801 biex jitla' Londra ma' din id-delegazzjoni ta' sitta, immexxija mill-Markiż Mario Testaferrata, kien il-prim ġurat u logutenent gvernatur, Antonio Mallia mir-Rabat, li wkoll kien ħa sehem attiv fl-Insurrezzjoni.[4]

Meta l-Maltin raw li ma kellhomx fuq xhiex jaqgħu, irrikorrew għall-istess organizazzjoni li kellhom sa ftit qabel, bid-differenza li din id-darba l-arma kienet il-pinna mhux ix-xabla. Fil-Kungress rianimat kienu rappreżentati dawk li kienu żgur fost l-iżjed li

---

[4] Ara l-iskambji ta' korrispondenza f'William Hardman, *A History of Malta during the period of the British and French Occupations 1798-1815* (Lond., 1909), li ma jaghtix id-Dikjarazzjoni Maltija ta' Ġunju 1802.

ħassewhom ittraduti bil-prospett tat-tluq Ingliż. Ma setgħux jifhmu kif l-Ordni li lanqas kellu l-ħila jirribatti serjament il-miġja tal-Franċiżi f'Ġunju 1798 seta' jservi biex jagħmel hekk wara l-1802, tant li kienu jibżgħu minn xi okkupazjoni ġdida b'dak kollu, anki fi tpattija u kontijiet, li din setgħet iġġib magħha.

Fil-preambola tad-Dikjarazzjoni u f'partijiet oħra, kif ukoll f'rappreżentazzjonijiet li saru qabel u wara din, hemm preżunt xi ftit ambigwu fejn kienet tidħol is-sovranita'. Dan huwa li attwalment il-Maltin kienu rebħu l-indipendenza tagħhom meta ċedew il-Franċiżi u allura setgħu, jekk iridu, jasseruwha, jew almenu jippretenduha. B'dan il-punt huma riedu jemfasizzaw il-fatt li Malta ma kienetx daħlet fl-isfera Ngliża b'konkwista, iżda għax għażlu hekk il-Maltin. Minn dan joħroġ il-*quid pro quo* propost fid-Dikjarazzjoni: cioe', il-protezzjoni għalihom u għal pajjiżhom mir-Re bħala sovran, jew protettur; basta imma illi huwa jirrikonoxxi u jwettaq bis-sħiħ dan il-patt jew konvenzjoni magħhom. Bit-Taljan jgħidu *patti chiari, amicizie lunghe*; f'dan il-każ la tant irriżulat waħda u lanqas l-oħra, għalkemm iż-żmien inessi u jderri.

Il-Maltin kienu jafu biżżejjed li huma ma kienux f'posizzjoni li jisfidaw lill-Imperu Ngliż, li issa kien fit jew wisq installa ruħu f'Malta. Strieħu fuq il-forza morali ta' dan li kien seħħ u l-argumenti li spjegaw. F'dawn hemm ċara l-idea li t-tron kellu jirrenja mhux tant jiggverna, joffri l-protezzjoni filwaqt li l-poplu jgawdi l-awtonomija skond it-tradizzjonijiet tiegħu. Fi kliem ieħor, il-'Kunsill Popolari' tal-Maltin kien jassumi r-responsabbilta' li jintaxxa u jilleġiżla lokalment, bil-kunsens tat-tron, pjuttost bħala xi ħaġa proċedurali u ta' rutina. Kienu wara kollox il-prinċipji tal-Bill of Rights li fuq kellha tistrieħ il-monarkija Ngliża.

Skond din it-teorija, is-sovranita' kienet tfisser protezzjoni mhux pussess, u dan a bażi ta' mandat mill-poplu. Filwaqt li fl-ewwel

artikolu huma jirrikonoxxu r-Re bħala "Sovrano Signore" u l-istess id-dixxendenti kollha tiegħu għal dejjem, fit-tieni artikolu jistqarru li dan ma kellu l-ebda jedd ("nessun diritto") li jċedi Malta lil xi potenza oħra. Jekk huwa jirtira l-protezzjoni u jabbanduna s-sovranita' tiegħu, kienu l-Maltin biss u mingħajr l-indħil ta' ħadd li kellhom id-dritt jeleġġu sovran ieħor u li jiggvernaw dawn il-gżejjer huma. Din hi posizzjoni tixbaħ ftit lil dik dwar Ġibilta' fit-Trattat ta' Utrecht tal-1713, vuoldieri illi jekk kemm il-darba l-Ingliżi jitilqu, Ġibilta terġa' ssir parti minn Spanja, bid-differenza li dak kien ftehim negozjat bejn il-potenzi. Minkejja dan, huwa baqa' jniggeż u x'aktarx li qatt ma kien kontroversjali daqs illum, kif jaf tajjeb il-kap tal-gvern t'hemmhekk, Peter Caruana. Minn dokumenti li għadhom kemm ħarġu jirriżulta li fl-1971 il-gvern Ingliż ikkunsidra l-possibilta' li jagħti Ġibilta' lill-Ordni ta' San Ġwann taħt ċerti kondizzjonijiet, possibilment b'xi arranġament li jixbaħ lil dak li kien jeżisti dwar Hong Kong u Macau. Dan jolqtok iżda m'huwiex sorprendenti wisq, meta tqis li f'Mejju 1940, fl-istess waqt li nazzjonalisti Maltin kienu qed jispċċaw internati (u wara ddeportati arbitrarjament), il-kabinett Ingliż darbtejn iddiskuta fis-sigriet il-possibilta' li taħt ċerti kundizzjonijiet huwa jirregala Malta lill-Italja.[5]

Il-punt hu li fis-sitwazzjoni li kienu, fl-era Napoleonika, il-Maltin kienu esposti għall-abbuż mingħajr rimedju. Kif kien iħobb jgħid il-kap fundatur tal-moviment nazzjonalista, Fortunat Mizzi, *quando la forza con la ragion contrasta, vince la forza e la ragion non basta.* Is-sovranita' kienet pussessiva, mhux kondizzjonali. Il-valur ta' Malta għall-imperu kien x'aktarx wieħed negattiv għal strateġija u tpartit. Il-kunsilli popolari kien joħlom bihom minn ma kellux. Kull ma setgħu jagħmlu l-mexxejja Maltin kien, kif fil-fatt għamlu, li jasserixxu drittijiethom, hekk kif rawhom u ħassewhom

---

[5] Ara i.a'. H.Frendo, 'The Second World War : A Short Introduction to *The Epic of Malta*' f' *The Epic of Malta* (facsimile ed., Valletta, 1990), p. iv.

huma, bit-tama li jiġbdu s-simpatija u l-appoġġ ta' min seta' jħenn għalihom, jgħadirhom u forsi jgħinhom.

It-tielet artiklu fid-Dikjarazzjoni jobbliga lir-rappreżentanti biex huma dejjem josservaw u jżommu mhux mittiefsa l-Kostituzzjoni, li kellha tiġi stabbilita mill-Maltin, bis-sanzjoni u r-rattifika tat-tron. Mhux biss il-Kungress Ġenerali kellu jkun elett mill-poplu iżda, dejjem skond dan l-artiklu, il-proċedura rappreżentattiva eletorali u distrettwali kellha tkun kif imfisser fih b'dettall. B'kollox, il-Kungress li jistabilixxi l-Kostituzzjoni ta' Malta kellu jikkonsisti f'104 membru elett mill-ibliet u l-irħula kif delineati. L-unika riferenza għal Għawdex insibuha fl-artiklu 4, fejn jiġi dikjarat illi "il popolo di Malta e Gozo ed i suoi Rappresentanti nel Consiglio Popolare radunati" kellhom id-dritt jiktbu jew jindirizzaw lit-tron biex iwasslu lmenti dwar ksur ta' drittijiet u privileġġi, jew aġir li kien imur kontra l-Kostituzzjoni tal-gvern fl-ittra jew fl-ispirtu tagħha. Mill-ġdid dawn il-premessi jfakkruk iżjed fil-*Bill of Rights* ta' l-Ingilterra, b'togħma daqxejn fewdali, milli fid-dikjarazzjonijiet Amerikani u Franċiżi, li kienu iżjed riviluzzjonarji u iżjed viċini.

Ħjiel ta' x'wieħed seta' jistenna li jsib f'din il-Kostituzzjoni antiċipata għall-Maltin insibuħ fil-ħames artikoli l-oħra. Qabel xejn, id-dritt li tintaxxa u tilleġiżla kellu jappartjeni lill-Kunsill Popolari, kif elett. Fl-istess ħin, madankollu, il-poplu ma kienx ikun obbligat jobdi jekk ir-rappreżentant tar-Re ma jaqbilx. Jista' jkun li l-firmatarji kienu qegħdin jissuġġettaw il-Kunsill għall-kunsens irjali bħala turija ta' fiduċja u fuq il-mudell Ingliż, forsi bit-tama li normalment dan il-qbil seta' jkun *pro forma*, filwaqt li huma jżerżqu u jinfilzaw fil-patt, għalissa immaġinat aktar milli reali, l-operat fundamentali ta' gvern internament awtonomu, fejn id-dritt li tintaxxa jintrabat ma' dak li tkun rappreżentat. Prinċipju ċelebri li kkaratterizza r-Rivoluzzjoni Amerikana.

F'dak li kien jirrigwarda r-reliġjon, l-interess Malti kien bil-maqlub ta' dak Ingliż: il-protezzjoni riedet tiġi assigurata għall-Kattoliċeżmu u għall-Knisja Kattolika, kontra l-Protestantiżmu u l-Knisja Anglikana. Artikoli 6 u 7 tad-Dikjarazzjuoni huma mfassla biex jissalvagwardaw dan kemm jista' jkun, anzi jgħabbu lir-Re bl-obbligu li jkun huwa stess il-protettur u s-sostenitur "della nostra Santa Religione". Fl-isfera spiritwali kien biss il-Papa jew il-ġenerali tal-ordnijiet monastiċi li setgħu jipprununzjaw ruħhom. Għalkemm fid-deher dan jidher stramb, b'mod speċjali fil-kuntest ta' l-istorja Ngliża fir-rigward ta' l-Irlanda, Spanja u pajjiżi Kattoliċi oħrajn, fil-każ ta' Malta l-Ingiliżi kienu għarfu minn kmieni s-saħħa li kellha fost il-poplu l-Knisja Kattolika u kienu ħadu l-impressjoni li dak likien wassal għal qawmien popolari fl-1798 kien l-antiklerikaliżmu repubblikan u abbużiv Franċiż. L-Ingliżi kienu wrew ruħhom lesti jagħmlu patt mal-Knisja Kattolika f'Malta. Bl-istess mod, il-mexxejja tal-Kungress stennew jew assumew li huma jkunu lesti jagħmlu patt magħhom ukoll fl-isfera tal-gvern ċivili.

Id-Dikjarazzjoni madankollu tixhed tendenzi varji da parti ta' dawk li ħejjewha. Tidher li hi prodott ta' iżjed minn id waħda. Flimkien mas-salvagwardji għall-Knisja Kattolika u għar-reliġjon tal-massa, insibu daqstant ieħor impenn favur il-liberta' reliġjuża, it-tolleranza bi dritt ta' reliġjonijiet oħra, basta l-ebda setta ma timmolesta, tinsulta jew tiddisturba l-professjoni ta' reliġjonijiet oħra. Ma jidhirx li din hi biss intiża biex tassigura lill-Gran Bretanja li l-Protestanti kien ikollhom il-liberta' jipprattikaw f'Malta, għaliex hemm ċertu enfażi, fl-artikolu 8, fuq il-"bnedmin ħielsa" (*Che gli uomini liberi hanno il diritto di scegliere la loro propria Religione...*) Ma jidhirx li dan kien l-ispirtu li anima ċerta opposizzjoni ekkleżjastika aktar lejna fiż-żmien, mhux biss fir-rigward taż-żwieġijiet imħallta fl-aħħar deċennju tas-seklu dsatax, iżda politikament u ċivilment saħansitra san-negozjati dwar il-Kostituzzjoni għall-Indipendenza ta' Malta fil-bidu tas-snin sittin

tas-seklu għoxrin. Kif jixhdu d-dokumenti ċċitati f'xogħol riċenti tiegħi, fl-1963 sa kien hemm tentattiv, li ma rnexxiex, sabiex il-Knisja tkun eskluża mill-applikazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'dak li kien jirrigwarda ċertu operat tagħha.[6] Ironikament, qisu kien fil-bidu tas-seklu dsatax, iżjed milli fit-tieni nofs tas-seklu għoxrin - wara 'l fuq minn seklu u nofs ta' kolonjaliżmu - illi nħassu u ġew espressi liberament, konsenswalment, preċetti favur il-liberta' tal-kuxjenza, għat-tolleranza reliġjuża fost "gli uomini liberi", u tal-pluralita' fil-prattika reliġjuża bħala norma kostituzzjonali.

L-aħħar artiklu, in-numru 9, huwa sunt artikolat tal-prinċipji evidenti fit-tlett dikjarazzjoniojiet l-oħra li semmejt: iġifieri li l-ebda bniedem m'għandu l-ebda awtorita' personali fuq il-ħajja, il-propjeta' jew il-liberta' ta' ħaddieħor. Din is-sentenza waħedha tiġbor l-ispirtu konxjament liberali li fuqu hi mibnija d-dikjarazzjoni Maltija ta' mitejn sena ilu. Is-setgħa, tikkonkludi elokwentement id-Dikjarazzjoni, qegħda biss fil-liġi. Il-prevenzjoni u l-kastig jistgħu jiġu eżerċitati biss f'ubbidjenza għall-liġi.

Mankanza notevoli fid-Dikjarazzjoni hi r-riferenza speċifika għall-liberta' ta' l-istampa, xi ħaġa li tissemma' kemm fil-karta Amerikana kif ukoll f'dik Franċiza, iżda mhux f'din. Dan jinftiehem aħjar aktar 'il quddiem meta ġejna għall-liberta' ta' l-istampa u f'xi ċirkji, speċjalment dawk ekkleżjastiċi għoljin, insibu il-biża' mill-propaganda Protestanta f'pajjiż żgħir, pikuż u polemikuż, li kien għad m'għandux liġi tal-libell. Sa fejn kellha x'taqsam il-Kostituzzjoni mixtieqa minn Manuel Vitale u sħabu, u r-rettorika dwar ir-Re "di un popolo libero", il-Maltin kellhom jgħaddu nofs seklu bla Kostituzzjoni li tista' mqar tissejjaħ b'dak l-isem. Il-gvern rappreżentattiv, fejn il-membri eletti fil-Kunsill

[6] Ara l-*Origins of Maltese Statehood, op.cit.*, speċjalment kap. 10, 'Enter the Mediators : The Church Question', pp. 264-290.

tal-Gvern kellhom maġġoranza, ġie wara taqbida politika sħiħa fl-1887, iżda din ma kienitx il-Kostituzzjoni kkonċeputa u mixtieqa fid-Dikjarazzjoni Maltija, għax Kostituzzjoni li tingħata u tittieħed lura b'daqqa ta' pinna m'hix wisq aħjar minn biċċa karta. Hi eżerċizzju istruttiv, speċjalment fil-frustrazzjoni u l-firdiet li din iġġib magħha. Bejn l-1903 u l-1921, Malta reġgħet marret lura għall-ewwel nofs tas-seklu dsatax. Il-gvern responsabbli, meta fl-aħħar wasal, wara l-Gwerra l-Kbira u s-*Sette Giugno*, bilkemm kampa disa' snin. Anki wara t-tieni gwerra, meta ġie restitwit, kien bis-sulluzzu. Hu biss bl-indipendenza wara l-1964 li wieħed jista' jgħid li Malta kisbet fil-prattika dak li kellhom f'moħħhom fit-teorija l-firmatarji tad-Dikjarazzjoni Maltija tad-Drittijiet.

Assenza oħra, li tirrikaċċja ma' l-importanza li din tingħata fid-dikjarazzjonijiet l-oħrajn kollha, tirrigwarda l-forzi ta' l-ordni u l-militar, li Malta ma kellhiex; anzi hi riedet li ħaddieħor jiggarantilha s-sigurta' u jserrħilha rasha dwarha. Din l-ommissjoni mid-Dikjarazzjoni ġġib f'riliev kontradizzjoni nterna li hi sintomatika tul l-istorja Maltija kollha, minn żmien ir-Rumani sal-medjuevu sas-seklu għoxrin u, fil-fatt, sal-lum. Din hi kif pajjiż żgħir f'nofs ta' baħar jista' jirrikonċilja u jikkumbaċja l-awtonomija mas-sigurta', l-indipendenza mal-protezzjoni, l-iżolamernt ma' l-appartenenza, iżjed u iżjed meta ma kellekx l-istituzzjonijiet internazzjonali li kabbru l-għeruq wara t-tieni gwerra, bħan-Nazzjonijiet Uniti u l-Kunsill ta' l-Ewropa.

Fl-istorja qasira u utli tiegħu bil-Malti u bit-Taljan stampata fl-1847, il-Kanonku Fortunato Panzavecchia, meta jiġi għall-1802, matul id-durata qasira li fiha kienet *in vigore* il-paċi ta' Amiens, jaċċenna għal avveniment wieħed ta' importanza, li pero' ma kienitx din id-Dikjarazzjoni. "Fiz zmien kasir ta hedina il-paci", huwa jinnota, "u seuua seuua fil leil bein it 23 u l'24 ta' Ottubru tal 1802 kienet f'Malta scita li ghamlet bosta hsara, u li bakghet

tissemma: is Scita il kbira."[7] Bit-Taljan: "la Gran Pioggia". Fl-storja dokumentarja dwar il-perijodu Franċiż u Ngliż bejn l-1798 u l-1815 ta' William Hardman, stampat Londra fl-1909, id-Dikjarazzjoni ma tiffigurax.[8] F'riferenzi skartati għaliha, awtur Ingliż kontemporaneju, Desmond Gregory, darbtejn jgħid li din id-Dikjarazzjoni ma ġiet qatt rikonoxxuta ("acknowledged") mill-Gvern Ingliż.[9] Kważi seklu wara Panzavecchia, u fir-*reprint* ta' wara t-tieni gwerra, fl-ewwel volum tal-*British Malta*, Dr Albert Lafera jaċċenna għad-Dikjarazzjoni darba u jagħti t-test tagħha f'*footnote*. Umbgħad għall-firmatarji Maltin huwa jgħidilna hekk: "Ball, in whom they placed implicit faith, calmed them down."[10] Kien l-iktar fis-snin sittin tas-seklu għoxrin, wara l-Indipendenza, li nsibu lil min (partikolarment żewġ storiċi kostituzzjonali mħallfin) jibda jħares lejn dan il-perijodu u s-sinifikat ta' din id-Dikjarazzjoni.[11]

L-oriġinal iffirmat tagħha, li jsiru riferenzi għaliha u riproduzzjonijiet testwali tagħhha mill-Maltin sa minn dik il-ħabta, jew ġie soppress jew intelef. La l-imħallef John Cremona, la Dr Albert Ganado u lanqas jiena s'issa qatt ma rnexxielna narawħ, għad m'hemm l-ebda dubju storiku dwaru. Fl-arkivji pubbliċi

---

[7] Fortunato Panzavecchia, *Breve Storia di Malta dai tempi piu' remoti all'amministrazione del Governatore Sir Patrick Stuart scritta in Maltese colla traduzione italiana per uso delle scuole* (Valletta, Gabriele Vassalli Tipografo, 1847).

[8] Hardman, *op.cit.*; ara wkoll l-introduzzjoni għalih minn Holland Rose.

[9] D. Gregory, *Malta. Britain and the European Powwers, 1793-1815* (London & New York, 1996), p126, p. 247.

[10] A.V.Laferla, *British Malta.* Vol. 1 (Valletta, 1938, reprinted 1945, 1946, copyright A.C.Aquilina, printed at the Allied Malta Newsopapers Limited), p. 32 sq.

[11] Ara J.J.Cremona, Human Rights Documentation in Malta (Malta Univ. Press, 1966), pp. 5-7 ; 'The French Declaration of Rights and its Maltese Derivative', The Times (of Malta), 14 July 1989, rioprodott f' Selected Papers, 1946-1989 (PEG, Marsa), pp.264-269. Ara wkoll Hugh Harding, *Maltese Legal History Under British Rule. 1801-1836* (Progress Press, Valletta, 1968).

Ngliżi, tant miżmumin sew, jidher li sal-lum m'hemmx traċċja tiegħu.

Fl-iktar żewġ kotba riċenti tiegħi jiena niċċita lill-President de Marco kif ukoll lit-Tabib Ċensu Tabone fejn it-tnejn li huma, kważi bl-istess kliem, jilmentaw mit-tip ta' storja li kienu jiġu mgħallma, fi żmien allura meta l-hekk imsejħa 'storja patria', ftit li xejn kienet tiġi mgħallma - kif wara kollox wieħed ma tantx kien jistenna li tiġi f'kolonja fortizza.[12] Ma ninsa qatt il-finali ta' kwizz televiżiv għall-iskejjel sekondarji fl-1969 fejn, ħamsin sena wara li dan seħħ, ħadd mill-finalisti ma kien qatt sema' bis-*Sette Giugno.*

Progress sar, naturalment, taħt amministrazzjonijiet differenti, qiegħed ikompli wkoll illum; u minn dan kellha sehem, sa minn sekli ilu, l-Alma Mater li b'xorti tajba kellna. Biss, baqgħalna x'naqdfu, u ż-żmien qiegħed jagħfas. Jekk l-internalizzar ta' l-identita', l-esperjenza u l-kuxjenza Maltija fil-milja kollha tagħha se tibqa' tiddependi fuq il-pezzi bukkuni, id-*dictum de dicto* u l-ġerarkiji amministrattivi iżjed milli akkademiċi, anki fl-ogħla istituzzjonijiet edukattivi, hemm ir-riskju li f'ambiti usa', aktar sofistikati, l-għarfien ristrett jew superfiċjali jitqies defiċjenti u jinbela'. Il-lingwa Maltija hija mportanti ħafna. Iżjed importanti minnha, huwa xi tgħid meta tiftaħ ħalqek. Id-diskors, li m'huwiex sempliċi lingwaċċ ta' vokabolarju, ma jafx il-fonti tiegħu biss, jew imqar primarjament, lil ilsien partikolari. Dan iħossuh tant tfal ta' emigranti li sikwiet isibu ruħhom sorpriżi mill-aġilita' mpenjata, il-menti jimirħu u l-għarfien riċerkat ta' oħrajn tamparhom minn pajjiżi oħra, inqas numerużi minnhom iżda sikwiet aktar għatxana għat-tifsir, għall-passat, għall-istudju, għall-paragun, għat-teorija. Dawn x'appoġġ kulturali ffukat għandhom?

[12] Ara t-tieni parti ta' l-intervista tiegħI mal-President, 'History, Identity and Our Future', fis-Sunday Times (of Malta), 13 June 1999, p. 47, iċċitata f'The Origins of Maltese Statehood : a Case Study of Decolonization in the Mediterranean (1999, 2nd ed. 2000), p.20. Ara wkoll H.Frendo, *Ċensu Tabone : The Man and His Century* (2000, 2nd ed. 2001), p. 32.

Ma niskanta xejn jekk 99% tal-Maltin, kbar u żgħar, qatt ma semgħu bid-Dikjarazzjoni Maltija tad-Drittijiet; u forsi lanqas tant jimpurtahom minnha. Apparti r-rimpustar tal-kurrikulu fl-iskejjel, hemm inizjattivi oħrajn li jistgħu jitqiesu. Per eżempju, għandna Fondazzjoni għall-Istudji Internazzjonali. Fondazzjoni għall-Istudji Maltin, m'għandniex. Għandna Istitut Mediterraneju. Istitut Malti m'għandniex.

Id-Dikjarazzjoni Maltija tal-1802 illum tinħass nkoraġġanti u fl-istess ħin skonċertanti. Inkoraġġanti: għaliex fl-eqqel tad-diżgwid u ta' l-abbandun, missierijietna, struwiti u b'tagħlim aġġornat għal żmienhom, iltaqgħu flimkien u raw kif l-aħjar jagħtu espressjoni kollettiva għal dak li kienu qegħdin iħossu; kif l-aħjar, bil-mezzi li kellhom, ifasslu pjan għall-futur ta' ġenshom u ta' pajjiżhom. Skonċertanti: għaliex nibża li l-valuri diffiċli li tesprimi d-Dikjarazzjoni ftit li xejn huma magħrufa u forsi ftit għadhom apprezzati: li l-liberta' u l-ġustizzja trid tiġġieled għalihom, li l-bajtra ma taqax f'ħalqek; li anke meta tintrifes, tinqabeż u titwarrab, xorta waħda trid tissielet biex tissopravvivi kontra sistemi, strutturi u interessi konfliġġenti jew imnawra, u hekk tonora almenu l-amor proprju tiegħek. Fl-aħħar mill-aħħar, il-bniedem miegħu nnifsu jrid jgħix, dak għandu; mhux bil-ħobż biss, u wisq inqas bil-loqom.

Filwaqt li nifraħ lil min ħaseb u għen biex issir din il-kommemorazzjoni f'ġieħ id-Dikjarazzjoni Maltija, nikkonkludi bi ħsieb imnebbaħ mill-Professur Giovanni Maria Flick, iċċitat fl-antoloġija riċenti tal-President.[13] Waqt li kien qiegħed jitkellem dwar ir-regoli tal-globalizazzjoni u l-esperjenza ewropea wara l-11 ta' Settembru, Flick semma' s-sinerġija, u lmenta mill-fatt li l-pajjiżi Mediterraneji, tant qrib ta' xulxin, għad m'għandhomx

[13] Guido de Marco, *Momentum* (Uffiċċju tal-President, Valletta, 2002), p.181.

pjattaforma komuni: “la realta’ Mediterranea sfugge.” Bl-eżempju quddiemna tad-Dikjarazzjoni Maltija ta’ mitejn sena ilu, permezz ta’ strutturi mibdula u viżjoni fit-tul, irridu ngħassu u nassiguraw li ma jiġrix l-istess jew agħar lir-realta’ Maltija: li din tingħaraf organikament, tiġi nternalizzata, artikolata, imqabbla, ikkomunikata, approfondita u arrikkita: ħalli ma tisfuġġix, u ma taħrabx.

Grazzi.

- Henry Frendo, li għallem f'għadd ta' universitajiet u serva f'karigi għoljin fin-Nazzjonijiet Uniti u mal-Kunsill ta' l-Ewropa, huwa magħruf bħala l-awtur ta' bosta xogħolijiet ewlenin ta' riċerka oriġinali dwar Malta li ħallew impatt tul dawn l-aħħar 32 sena. Fost dawn insibu fl-1970 l-ewwel publikazzjoni li dehret wara l-gwerra dwar is-*Sette Giugno;* l-ewwel kotba dwar Manwel Dimech fil-bidu tas-snin sebgħin; l-ewwel studju maġġuri dwar kif iffurmaw ruħhom u evolvew il-partiti politiċi Maltin fi żmien l-Ingliżi (1979, 1991); il-kwistjoni tal-lingwa u n-nazzjonalita' Maltija; il-ġurnaliżmu f'Malta sa mill-1838; kitbiet komparattivi dwar Malta, Ċipru u Ġibilta' u oħrajn, ukoll stampati barra, dwar Malta fir-relazzjonijiet internazzjonali bejn iż-zewġ gwerer; il-ġrajja kostituzzjonali Maltija fil-qosor; il-ġlieda għall-liberta' u l-mixja lejn l-indipendenza tul is-sekli (1989); storja dokumentarja ta' l-iżvilupp politiku Malti mill-1798 sal-1964 (1993); antoloġija dwar il-kultura u l-identita' Maltija mħejjija flimkien mal-Professur Olivier Friggieri u awturi ewlenin oħra (1994); storja ta' Ħ'Attard (1997); id-dekolonizazzjoni u l-ħolqien ta' l-istat Malti fis-snin sittin (1999, 2000); u bijografija ta' Dr Ċensu Tabone (2000, 2001). Henry Frendo rrimpatrija mill-emigrazzjoni fl-1988 wara li ngħata 'full reinstatement' mill-Universita' ta' Malta, fejn huwa kien ġie appuntat 'Assistant Lecturer' fil-*History* fl-1972. Huwa nħatar Professur ta' l-iStorja fl-1992, wara li serva għal xi snin bħala 'Associate Professor'. Bħalissa l-Professur Frendo qiegħed jaħdem fuq xogħol f'żewġ volumi dwar l-aħħar żewġ sekli, bi tkomplija ta' l-istorja ġenerali ta' Malta mibdija mill-mejjet Professur Patri Andrew P. Vella, O.P., li bħala l-okkupant tal-kattedra ta' l-iStorja fl-Universita' ta' pajjiżna kien il-professuer tiegħu. It-tielet volum f'dan il-proġett uniku bil-Malti mistenni jinhareġ mill-Klabb Kotba Maltin aktar tard din is-sena, filwaqt li l-Professur Frendo issa beda jaħdem fuq ir-raba' volum.